MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## LAWRENCE QUINTANO

Seduta ta' l-20 ta' Gunju, 2014

Appell Kriminali Numru. 46/2013

**Il-Pulizija**

**Kontra**

**Joan Mizzi**

Il-Qorti

Rat l-imputazzjoni dedotta kontra Joan Mizzi bint John Spiteri u Carmela Spiteri nee Cutajar mwielda Ħal-Tarxien fit-28 ta' Marzu 1958, li toqgħod 60 Triq il-Ħut Marsaskala u li għandha l-ID Card numru 267858(M)

Akkużata talli fil-kwalita' tagħha ta' direttur u / jew segretarju ta' kumpanija u / jew rappreżentanta ġuridika tas-soċjeta' kummerċjali JAJ Company Limited (C22257) b' indirizz registrat 60, Triq il-Hut,

Marsaskala, Mlata u/jew bhala l-persuna li kienet inkarigata mill- istess socjeta' kummercjali sabiex thallas il-pagi dovuti, naqset li thallas il-pagi dovuti ghall-perjodu ta' bejn it- 23 ta' Mejju 2011 u l-21 ta' Gunju, 2011 ammontanti ghal €883.34, naqset li thallas il-bonus statutorju dovut ghall-perjodu bejn l-1 ta' Jannar, 2011 u l-21 ta' Gunju, 2011, ammontanti ghal €127.28, naqset li thallas il-weekly allowance dovut ghall-perjodu bejn l-1 ta' April, 2011 u l-21 ta' Gunju, 2011, ammontanti ghal €54.06, naqset li thallas in-notice dovut ghal perjodu bejn it-22 ta' Gunju, 2011 u t-30 ta' Awwissu, 2011 ammontanti ghal €963.65, naqset li thallas il-vacation leave dovut ghall-perjodu bejn l- 1 ta' Jannar, 2011 u l-21 ta' Gunju, 2011 ammontanti ghal €331.72, naqset li thallas l-overtime dovut ghall-perjodu bejn it-23 ta' Mejju, 2011 u d-19 ta' Gunju, 2011 ammontanti ghal €135.54 li b' kollox jammontaw ghal elfejn u erba' mija, u hamsa u disghin Ewro u disgha u hamsin centezmi (€2,495.59) u li kienu dovuti lill- ex impjegat taghha u cioe' lil Nicholas Agius, fil-21 ta' Gunju, 2011 meta l-impjieg tieghu gie terminat.

Ghaldaqstant il-Qorti hija mitluba bir-rispett sabiex tordna lill-imputata ai termini tal-artikolu 45(1) tal-Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex thallas il-penali skont il-ligi, u kif ukoll tordna lill-imputata, ai termini tal- Artikolu 45(2) tal-Kap. 452 tal-Ligijiet ta' Malta u tar-Regolament 22 tal-Avviz Legali 247 tal- 2003, kif emendat bl- Avviz Legali 427 tal-2007, sabiex thallas lil Nicholas Agius, l- ammont ta' elfejn u erba' mija u hamsa u disghin –il Ewro u disgha u hamsin centezmi (€2,495.59) ghar-ragunijiet hawn fuq specifikati.

Għaldaqstant il-Qorti ntalbet bir-rispett sabiex tordna lill-imputata

Rat is-sentenza tal-24 ta' Jannar 2013 li fiha sabet lill-imputata ħatja tal-imputazzjoni miġjuba kontriha u lliberata bla kundizzjoni u b'applikazzjoni tala-rtikolu 45(1) tal-Kap 452 tal-Liġijiet ta' Malta ikkundannata sabeix fi żmien sena mil-lum tħallas lil **Nicholas Agius** is-somma ta' **elfejn, erba' mija u ħamsa u disgħin Ewro u disgħa u ħamsin ċenteżmu ( €2495.59)**

Rat ir-rikors tal-appell li fih l-appellata talbet lil din il-Qorti tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata, issib lill-appellata mhux ħatja tal-akkużi dedotti kontra tagħha u biex tilliberaha minn kull ħtija u piena skont il-Liġi.

Illi l-aggravji huma s-segwenti:

L-appellanti ma kellhiex idea fhiex kienet tinsab il-kumpanija JAJ Company Limited u ma kinitx taf li kellhom jitħallsu l-pagi. Hija kellha tiffaċċja għadd ta' talbiet minn kredituri oħrajn u għalhekk kellha tirriżenja u bdiet proċeduri għall-istralċ tal-kumpanija. L-appellanti m'għandhiex mezzi biex tħallas lill-impjegati.

L-ewwel aggravju huwa n-nuqqas ta' ***mens rea*** neċessarja għas-sejba ta' ħtija. Meta miet żewġha ppruvat tieħu kontroll tal-kumpanija iżda n-nuqqas ta' ħlas tal-impjegati kien jeżisti qabel ħadet il-kontroll l-appellanti. Hija għamlet dak kollu li kien umanament possibbli.

It-tieni aggravju huwa li hija eżerċitat d-diliġenza kollha xierqa biex timpedixxi l-għemil tar-reat u għalhekk m'għandhiex tinstab ħatja u dan in linea mal-artikolu 46 tal-Kap 452. Minħabba li l-kumpanija diġa' kienet midjuna lejn diversi kredituri u lejn il-bank, kien impossibbli li tħallas kollox lill-impjegati. Anzi rnexxielha tħallas parti sew minn dak li kien dovut u baqa' biss parti minn dak li kellu jitħallas.

It-tielet aggravju huwa li l-Ewwel Qorti naqset milli tagħmel apprezzament tajjeb tal-fatti fosthom li l-appellanti lanqas biss kienet konxja tal-istat tan-negozju. Hija kienet saret direttur biss wara l-mewt ta' żewġha meta kien tard wisq.

Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli Prosekutur u tal-abbli Difensur.

Ikkonsidrat

L-ewwelnett għandu jingħad li għal dak li huwa apprezzament ta' fatti, din il-Qorti ma tiddisturbax id-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati sakemm ma jkunx hemm xi raġuni serja.

Għalhekk il-Qorti għarblet id-dokumenti kollha u x-xhieda li nstemgħet quddiemha.

Mid-dokumenti ppreżentati jirriżulta li l-kumpanjija JAJ Company Limited kellha tagħti lis-Sur Nicholas Agius €2495.59 (fol 10). Din is-somma hemm break down tagħha fl-istess fol tal-proċess liema dettalji jikkorrispondu għal dawk mogħtija fl-imputazzjoni.

Skont l-affidavit a fol.4 jirriżulta li l-appellanti kienet appuntata direttriċi fil-21 ta’ Ġunju 2011 u spiċċat minn din il-kariga fit-3 t’Ottubru 2011.

Xehed is-Sur Costa, uffiċjal fid-Dipartiment tax-Xogħlijiet, u spjega li s-sur **Nicholas Agius**

Ingħata n-notice fis-17 ta’ Ġunju 2011 iżda kien ħadem sal-21 ta’ Ġunju 2011 għax iddeċieda li ma jaħdimx il-perjodu tan-notice kollu. Huwa kkonferma li kienet qed tintalab is-somma ta’ €2495.59 bħala ammont gross.

Nicholas Agius ikkonferma l-ammont li kellu jieħu u rrefera għal sentenza li kienet ingħatat mit-Tribunal għat-Talbiet iż-Żgħar sabiex huwa jitħallas mill-kumpanija JAJ Company Limited.

Fil-kontro-eżami huwa qal li kien jieħu l-istruzzjonijiet minn għand is-sur Alfred Mizzi li kien miet fis-26 ta’ Mejju tas-sena 2011. Il-kumpanija ma kenitx f’qagħda tajba għaliex il-paga kienu qed jeħduha bil-mod. Huwa qatt ma kien ra lill-appellanti fuq ix-xogħol iżda ma kienx jaf x’kienu jagħmlu.

Xehdet l-appellanti Joan Mizzi li qalet li hija ma kienet tkun taf b’xejn għax kienet tħalli kollox f’idejn ir-raġel. Hi saret direttriċi sabiex ikunu jistgħu jingħataw il-pagi. Hi tat il-flus li daħħlet iżda wara kellha tirriżenja għax bdew ġejjin ħafna kredituri u ma felħitx għalihom. Lill-impjegati kienet laħqet ħasslithom xi ħaġa imma ma kellhiex minn fejn tħallas il-bqija. Il-kumpanija illum qegħda fi stgat ta’ xoljiment. Hija qalet ukoll li hemm għadd kbir ta’ kredituri.

Ikkonsidrat

**Punt ta’ Liġi.**

Skont l-artikolu 46 tal-Kap 452:

‘**46.** Meta reat kontra d-disposizzjonijiet ta’ dan l-Att jew xi regolamenti jew ordnijiet magħmula bis-saħħa tiegħu jsir minn soċjetà, kumpannija, għaqda jew korp ieħor ta’ persuni, kull persuna li fiż-żmien li jkun sar ir-reat, kienet direttur, *manager*, segretarju jew uffiċjal ieħor bħal dawk ta’ dik is-soċjetà, kumpannija, għaqda jew korp ieħor ta’ persuni jew kienet tidher li qed taġixxi f’ xi kariga tali titqies li tkun ħatja ta’ dak ir-reat jekk ma tippruvax li r-reat sar mingħajr it-tagħrif tagħha u li kienet eżerċitat id-diliġenza kollha xierqa biex timpedixxi l-għemil tar-reat.’

Għalhekk, minħabba li l-appellanti kienet imħarrka bħala direttriċi tas-soċjeta' JAJ Company Limited, irid ikun eżaminat xi rwol kellha l-appellanti f'din is-soċjeta'.

Mill-provi jirriżulta li r-raġel tagħha miet fis-26 ta' Mejju 2011 u li hija saret direttriċi fil-21 ta' Ġunju 2011 u baqgħet hekk sakemm irriżenjat fil-3 t'Ottubru, 2011. Għalhekk ma kinitx direttriċi fiż-żmien meta s-soċjeta' kienet sejra lura tant li l-pagi bdew jingħataw bil-mod, skont kif xehed wieħed mill-ħaddiema stess.

Jidher ukoll li saret direttriċi minħabba l-mewt ta' żewġha meta l-għan kien li l-kumpanija tkompli taħdem waqt li l-appellanti, bħala direttriċi, tkun tista' tħallas lill-ħaddiema. Hija damet diretriċi 3 xhur u tlettax-il jum biss.

Id-difiża ppruvat fuq bażi ta' probabilita' li xi ħlas leħaq sar kemm peremzz tax-xhieda tal-appellanti kif ukoll mid-differenza tal-ħlas dovuta li tirriżulta bejn is-sentenza tat-Tribunal tat-Talbiex Żgħar u kemm filfatt qed jintalab f'din iċ-ċitazzjoni.

L-artikoli 45 u 46 tal-Kap 452 kif ukoll ir-regolament 22 tal-Avviż Legali 247 tas-sena 2003 kif emendat bl-Avviż Legali 427 tas-sena 2007 huma **ta' natura kriminali** bħalma jirriżulta ċar mill-użu tal-kelma 'ħati'.

L-artikolu 46 għandu żewġ elementi:

(i) li wieħed ikun f'xi kariga indikata fl-istess artikolu; u

(ii) li jkun sar xi nuqqas li jammonta għal reat; u

(ii) li wieħed ma jirnexxilux jipprova li huwa eżerċita diliġenza xierqa biex ma jsirx ir-reat.

F'dan il-każ, l-appellanti kienet direttriċi għal perjodu qasir wara l-mewt ta' żewġha. Għalhekk l-ewwel element huwa sodisfatt.

Jirriżulta wkoll li ma ħaddiem ma kienx tħallas għal dak li huwa intitolat skont il-Liġi. Għalhekk jirriżulta t-tieni element.

Min-naħa l-oħra l-appellanti ma tistax tirrispondi għal dak li ġara fi żmien meta kien għadu ħaj żewġha meta hija la kienet direttriċi, la kienet taf x'qed isir, u l-ħaddiema ma kinux qed jieħdu xi direzzjonijiet minn għandha. Għalhekk la kienet direttriċi de lege u lanqas de facto.

Barra minn dan, fil-fehma tal-Qorti, l-appellanta ppruvat fuq bilanċ ta' probabilita' li hija għamlet li setgħet biex tħallas dak li kien dovut imma meta mbagħad feġġew għadd ta' kredituri oħrajn u ma kienx possibbli għaliha li tibqa' direttriċi. Għaldaqstant ma jirriżultax it-tielet element anzi jirriżulta l-kuntrarju tiegħu.

Għalhekk il-Qorti qed tilqa' l-appell, qed tirrevoka u tħassar is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Magistrati fl-24 ta' Jannar 2013 fl-ismijiet premessi u qed teħles lill-appellanta minn kull piena jew obbligu.

Skont l-istess Att, il-ħaddiem jibqagħlu d-dritt li jfittex għal dak li jkun dovut lilu bi kwalunkwe mezz ieħor.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------